2026/2508

11.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2508

tad-9 ta' Novembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 ([1]), li stabbiliet il-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine).

(2) Fit-8 ta' Novembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2876 ([2]), li temenda l-mandat tal-EUAM Ukraine u testendi dak il-mandat sal-15 ta' Novembru 2026.

(3) Fit-3 ta' Settembru 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel, fil-kuntest ta' rieżami strateġiku tal-EUMAM Ukraine, li jenħtieġ li l-EUMAM Ukraine tiġi estiża sal-15 ta' Novembru 2028. Il-KPS afferma mill-ġdid l-importanza ta' appoġġ militari kontinwu tal-Unjoni għall-Ukrajna u laqa' ir-riżultati miksuba mill-EUMAM Ukraine. Barra minn hekk, il-KPS enfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni mill-qrib mal-ħidma li għaddejja mmexxija mill-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti, kif ukoll man-NATO fil-qafas tal-kmand tan-NATO ta' Assistenza u Taħriġ fil-Qasam tas-Sigurtà għall-Ukrajna (NSATU), b'mod inklużiv u nondiskriminatorju.

(4) Permezz ta' ittra datata l-10 ta' Ottubru 2026, il-Ministeru għad-Difiżatal-Ukrajna stieden lill-Unjoni tiżgura preżenza diretta fit-territorju tal-Ukrajna fuq bażi permanenti.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3 jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) mekkaniżmu strutturat u robust ta' tagħlimiet identifikati u tagħlimiet meħuda, li jikkomplementa u jsaħħaħ l-isforzi ta' taħriġ, biex jiġbor, janalizza u jxerred b'mod sistematiku t-tagħlimiet mill-kamp tal-battalja;

(f) attivitajiet ta' konsulenza u edukattivi biex jappoġġaw l-aġenda ta' riforma tad-difiża tal-Ukrajna abbażi ta' talbiet tal-Ukrajna; l-oqsma li għandhom jiġu koperti b'dawk l-attivitajiet għandhom jinkludu r-riformi tal-kapital uman tal-Ministeru għad-Difiża tal-Ukrajna, b'enfasi inizjali fuq il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni militari professjonali.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-EUMAM Ukraine għandha topera fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll, esklussivament għall-fini ta' koordinazzjoni diretta u ta' twettiq tal-kompiti stipulati fl-Artikolu 1(3), il-punti (e) u (f), fit-territorju tal-Ukrajna.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1968 tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) (ĠU L 270, 18.10.2022, p. 85). ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1968/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2876 tat-8 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) (ĠU L, 2024/2876, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2876/oj).

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-KPS għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUMAM Ukraine. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat biex jiġu emendati d-dokumenti tal-ippjanar tal-EUMAM Ukraine, inkluż il-Pjan tal-Missjoni, u l-Katina tal-Kmand. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi wkoll is-setgħat li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandanti tal-UE, jiġifieri l-Kmandant tat-Taħriġ tal-Armi Kombinati, il-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali, u kwalunkwe Kmandant ieħor tat-Taħriġ tal-UE. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward tal-objettivi u t-terminazzjoni tal-EUMAM Ukraine għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill. Id-deċiżjonijiet tal-KPS rigward il-ħatra tal-Kmandanti tal-UE għandhom jiġu pubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.";

(3) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-EUMAM Ukraine għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha mal-attivitajiet bilaterali tal-Istati Membri b'appoġġ għall-Ukrajna, kif ukoll ma' sħab internazzjonali oħra tal-istess fehma, b'mod partikolari l-Istati Uniti tal-Amerka (USA), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (UK), il-Kanada, in-Norveġja, il-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti (CotW) u l-Forza Multinazzjonali tal-Ukrajna (MNF-U).

4. L-EUMAM Ukraine għandha tikkoopera man-NATO, b'mod partikolari l-kmand tan-NATO ta' Assistenza u Taħriġ fil-Qasam tas-Sigurtà għall-Ukrajna (NSATU), ir-Rappreżentanza tan-NATO għall-Ukrajna (NRU) u ċ-Ċentru Konġunt ta' Analiżi, Taħriġ u Edukazzjoni (JATEC), b'rispett sħiħ għall-prinċipji tat-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività, kif ukoll l-awtonomija u l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Biex tiġi faċilitata l-koordinazzjoni lokali, l-EUMAM Ukraine għandha żżomm preżenza fl-Ukrajna biex tiżgura kuntatt dirett u effettiv mal-awtoritajiet militari Ukreni, l-UAF u sħab internazzjonali tal-istess fehma biex tiżgura li t-taħriġ tal-Unjoni jkompli jevolvi f'konformità mal-ħtiġijiet tal-UAF.";

(4) l-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Status tal-unitajiet u l-persunal immexxija mill-Unjoni

Il-Ftehim dwar l-Istatus tal-Forzi tal-Unjoni (UE SOFA) għandu japplika għall-unitajiet immexxija mill-Unjoni u l-persunal skjerat fit-territorju tal-Istati Membri. L-istatus tal-EUMAM Ukraine u tal-persunal tagħha fl-Ukrajna, inkluż il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħra neċessarji għat-twettiq u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni tagħhom, għandu jkun is-suġġett ta' ftehim konkluż mill-Unjoni mal-Ukrajna skont l-Artikolu 37 TUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).";

(5) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-ispejjeż inkrementali li ġejjin jiġu ffinanzjati b'mod komuni mill-EPF:

(i) l-ispejjeż operazzjonali għall-appoġġ lit-trainees u l-ħarrieġa tal-UAF (trasport mill-fruntiera tal-Ukrajna għall-faċilitajiet ta' taħriġ u r-ritorn, u fil-faċilitajiet ta' taħriġ, madwarhom u bejniethom; appoġġ għall-ħajja reali; appoġġ mediku u evakwazzjonijiet);

(ii) l-ispejjeż operazzjonali neċessarji għall-attivitajiet ta' taħriġ (karburanti, żejt u lubrifikanti, manutenzjoni ta' vetturi użati fit-taħriġ; interpreti; u kits ta' taħriġ personali, fejn dawn ma jkunux ipprovduti mill-Ukrajna);

(iii) l-ispejjeż operazzjonali neċessarji għall-kofinanzjament tal-programmi ta' sħubija immirati biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn iċ-ċentri ta' taħriġ tal-Istati Membri u ċ-ċentri ta' taħriġ tal-Ukrajna; il-kriterji għall-kofinanzjament għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUMAM Ukraine għall-perjodu mis-16 ta' Novembru 2026 sal-15 ta' Novembru 2028 għandu jkun ta' EUR 292,6 miljun. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 0 % għall-impenji u 0 % għall-pagamenti.";

(6) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-RGħ għandu wkoll ikun awtorizzat jgħaddi lill-Ukrajna, lill-Istati Uniti, lir-Renju Unit, lill-Kanada, lin-Norveġja, lill-NSATU, lill-NRU, lill-JATEC, lill-CotW u lill-MNF-U, f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-EUMAM Ukraine, informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED' li tiġi ġġenerata għall-finijiet tal-EUMAM Ukraine, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. L-arranġamenti neċessarji bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna, l-NSATU, l-NRU, il-JATEC, il-CotW u l-MNF-U għandhom jitfasslu għal dak il-għan.";

(7) fl-Artikolu 14, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Għandha tapplika sal-15 ta' Novembru 2028.

2. Għandu jitwettaq rieżami strateġiku tal-EUMAM Ukraine fi żmien xieraq qabel l-iskadenza ta' din id-Deċiżjoni. L-attivitajiet tal-EUMAM Ukraine fl-Ukrajna għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni bir-reqqa u kontinwa, li għandha tiġi stabbilita fid-dokumenti operazzjonali ta' EUMAM Ukraine.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mis-16 ta' Novembru 2026.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HARRIS